IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Awwissu 2008

li tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja għaż-żebgħa u l-verniċ ta' barra

(notifikata bid-dokument numru C(2008) 4452)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/543/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema riveduta tal-għoti tal-ekotikketta Komunitarja [1], u b'mod partikulari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

(1) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 l-ekotikketta Komunitarja tista' tingħata lil prodott li jkollu karatteristiċi li jippermettulu li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal titjib f'dak li għandu x'jaqsam ma' aspetti ambjentali ewlenin.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 jipprovdi li l-kriterji speċifiċi dwar l-ekotikketta għandhom jiġu stabbiliti skont il-gruppi ta' prodotti.

(3) Huwa xieraq li tiġi adottata deċiżjoni ġdida li tistabbilixxi kriterji ekoloġiċi għall-għoti tal-ekotikketta Komunitarja għaż-żebgħa u l-verniċ ta' barra.

(4) Il-kriterji ekoloġiċi, kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom ikunu validi għal perjodu ta' erba' snin.

(5) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma msejsa fuq l-abbozz tal-kriterji żviluppat mill-Bord għall-Ittikkettjar-Ekoloġiku tal-Unjoni Ewropea stabbilit bl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000.

(6) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-kumitat stabbilit bl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 1980/2000,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-grupp ta' prodotti "iż-żebgħa u l-verniċ ta' barra" għandu jinkludi ż-żebgħa u l-verniċ dekorattiv u protettiv ta' barra, likwidi li jlewnu lill-injam u l-prodotti relatati għall-użu fuq il-bini u l-għamara ta' barra, għall-art u ċ-ċnut, f'konformità mal-paragrafu 2, għall-użu mid-dilettanti (id-"do-it-yourself") u mill-professjonisti; u li ġew żviluppati primarjament għall-użu ta' barra u qed jitmexxew fis-suq bħala tali.

Dan jinkludi, fost l-oħrajn, il-kisi u ż-żebgħa tal-art; prodotti li jingħataw lewn ħafif mid-distributuri fuq talba tad-dekoraturi dilettanti jew professjonali; sistemi li jagħtu l-lewn; żebgħa dekorattiva f'forma likwida jew bħala pejst li tista' tkun ġiet ikkundizzjonata minn qabel, mogħtija lewn ħafif jew imħejjija mill-manifattur sabiex taqdi l-bżonnijiet tal-konsumaturi, inkluż iż-żebgħa tal-injam, il-likwidi li jlewnu lill-injam u lid-"decking", il-kisi tal-bini u ż-żebgħa tal-aħħar passata għall-metall (ħlief għaż-żebgħa tal-aħħar passata u tal-ewwel passata ta' kontra l-korrużjoni) kif ukoll iż-żebgħa tal-ewwel passata (u ż-żebgħa ta' taħt) tat-tali sistemi ta' prodotti.

2. "Żebgħa" tfisser materjal għall-kisi, f'forma likwida jew bħala pejst jew trab, miżjud bil-pigment, u li meta jiġi applikat fuq wiċċ li jrid jinżebagħ, joħloq saff opak li jkollu karatteristiċi protettivi, dekorattivi jew karatteristiċi tekniċi speċifiċi.

[1] ĠU L 237, 21.9.2000, p. 1.

"Vernić" tfisser materjal għall-kisi trasparenti li meta jiġi applikat fuq wiċċ li jrid jinżebagħ joħloq saff trasparenti u solidu li jkollu karatteristiċi protettivi, dekorattivi jew karatteristiċi tekniċi speċifiċi.

Wara li jkunu applikati, iż-żebgħa jew il-vernić jinxfu u jiffurmaw kisi solidu, aderenti u protettiv.

Iż-żebgħa u l-vernić dekorattiv huma tipi ta' żebgħa u vernić li jiġu applikati fuq il-bini, it-tirqim u l-aċċessorji tiegħu, kif ukoll fuq l-għamara, l-art u ċ-ċnut ta' barra, għal għanijiet dekorattivi u protettivi. Huma jiġu applikati fuq il-post. L-għan tagħhom huwa dekorattiv, filwaqt li fl-istess ħin jipprovdu l-protezzjoni.

Il-likwidi li jlewnu lill-injam (il-"lasures") huma kisjiet li jiffurmaw saff trasparenti jew semi-trasparenti, biex jiddekoraw u jipproteġu l-injam kontra l-effetti tat-temp, u li jippermettu ż-żamma tiegħu b'mod faċli.

Il-kisi tal-bini huwa kisi li jifforma saff dekorattiv u protettiv għall-użu fuq il-konkos, fuq iċ-ċangar bil-briks (li jista' jinżebagħ), fuq iċ-ċangar bil-blokok, fl-ewwel passata ġibs, fuq issiment tas-silikat tal-kalċju jew li jkun imsaħħaħ bil-fibra. Huma maħsuba b'mod prinċipali għall-użu fuq barra, iżda jistgħu jintużaw fuq ġewwa wkoll, jew fuq is-suffitti jew issoqfa tal-gallariji.

"Sistemi li jagħtu l-lewn" huma metodu kif wieħed iħejji żżebgħa tal-kulur billi jħallat "bażi" ma' lwien ħfief ikkuluriti.

3. Il-prodotti li ġejjin m'humiex inklużi fil-grupp ta' prodotti:

(a) il-kisi ta' kontra l-korrużjoni;

(b) il-kisi ta' kontra l-akkumulu ta' depożitu ta' materjali;

(ċ) il-prodotti għall-konservazzjoni tal-injam;

(d) il-kisi għall-użi industrijali u professjonali partikulari, inkluż il-kisi li jiflaħ għall-istrapazz ("heavy-duty");

(e) kwalunkwe prodott li ġie żviluppat primarjament għall-użu fuq ġewwa u li jitmexxa fis-suq bħala tali.

Artikolu 2

1. Sabiex jingħataw l-ekotikketta Komunitarja skont ir-Regolament (KE) Nru 1980/2000 u suġġetti għall-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, iż-żebgħa u l-vernić għandhom jaqgħu fi ħdan il-grupp ta' prodotti "iż-żebgħa u l-vernić ta' barra", kif iddefinit fl-Artikolu 1, u għandhom ikunu konformi mal-kriterji ekoloġiċi stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

2. Il-kisi ta' rendiment reattiv li jkun fih żewġ pakketti u jkun għal użu aħħari speċifiku għandu jkun konformi mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) iż-żewġ komponenti tiegħu jridu, individwalment, ikunu konformi mal-kriterji ekoloġiċi mniżżlin fl-Anness (ħlief għall-kriterju għall-Komposti Organiċi Volatili);

(b) irid ikun jinkludi tagħrif li jispjega li l-komponenti individwali ma għandhomx jintużaw b'mod separat jew jitħalltu ma' prodotti oħrajn;

(ċ) Madanakollu, il-prodott aħħari li jkun lest għall-użu wkoll għandu jkun konformi mal-kriterji ekoloġiċi, inkluż mal-kriterju għall-Komposti Organiċi Volatili (il-VOC).

3. Il-kisi li jkun immexxi fis-suq kemm għall-użu fuq barra kif ukoll għall-użu fuq ġewwa jrid ikun jissodisfa kemm il-kriterji għaż-żebgħa u l-vernić ta' barra mniżżlin f'din id-Deċiżjoni kif ukoll il-kriterji għaż-żebgħa u l-vernić ta' ġewwa mniżżlin fid-Deċiżjoni 2009/544/KE [1].

Artikolu 3

Il-kriterji ekoloġiċi għall-grupp ta' prodotti "iż-żebgħa u l-vernić ta' barra", kif ukoll ir-rekwiżiti ta' valutazzjoni u ta' verifika relatati, għandhom ikunu validi sa 18.8.2012 li tkun erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Għal raġunijiet amministrattivi, in-numru tal-kodiċi mogħti lill-grupp ta' prodotti "iż-żebgħa u l-vernić ta' barra" se jkun innumru "33".

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, it-13 ta' Awwissu 2008.

Għall-Kummissjoni

Olli REHN

Membru tal-Kummissjoni

[1] Ara paġna 39 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ANNESS

A. **IL-QAFAS**

L-għanijiet tal-kriterji

Dawn il-kriterji għandhom l-għan partikolari li:

— jkun hemm l-użu effiċjenti tal-prodotti u t-tnaqqis tal-iskart,

— jkun hemm it-tnaqqis tar-riskji ambjentali u ta' riskji oħrajn (bħalma hu l-ożonu troposferiku) billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-solventi,

— jkun hemm it-tnaqqis ta' żbokk ta' sustanzi tossiċi jew ta' sustanzi li jniġġsu b'xi mod ieħor fl-ilmijiet. Il-kriterji huma ffissati f'livelli li jippromwovu l-ittikkettjar tal-prodotti taż-żebgħa u l-verniċ ta' barra li għandhom impatt inqas fuq l-ambjent.

Ir-rekwiżiti tal-valutazzjoni u tal-verifika

Ir-rekwiżiti speċifiċi tal-valutazzjoni u tal-verifika huma indikati f'kull kriterju.

Fejn l-applikant huwa mitlub jagħti dikjarazzjonijiet, dokumentazzjoni, analiżi, rapporti ta' testijiet, jew evidenza oħra sabiex juri li hemm konformità mal-kriterji, huwa mifhum li dawn jistgħu joriġinaw mill-applikant u/jew mill-fornitur/-mill-fornituri tiegħu u/jew mill-fornitur/mill-fornituri tagħhom, eċċ., kif xieraq.

Fejn xieraq, metodi ta' ttestjar minbarra dawk indikati għal kull kriterju jistgħu jintużaw jekk dawn huma aċċettati mill-korp kompetenti li jkun qed jivvaluta l-applikazzjoni bħala ekwivalenti.

Fejn xieraq, il-korpi kompetenti jistgħu jeħtieġu dokumentazzjoni ta' evidenza u jistgħu jwettqu verifiki indipendenti.

Huwa rrakkomandat li l-korpi kompetenti jqisu l-implimentazzjoni ta' skemi rikonoxxuti tal-ġestjoni ambjentali, bħall-iskema "EMAS" jew l-"EN ISO14001", meta jkunu qed jivvalutaw l-applikazzjonijiet u jkunu qed jimmonitorjaw il-konformita mal-kriterji (Nota: mhux meħtieġ li wieħed jimplimenta dawn it-tipi ta' skemi ta' ġestjoni).

Fejn il-kriterji jirreferu għall-ingredjenti, dawn jinkludu s-sustanzi u l-preparazzjonijiet. It-tifsiriet tal-kliem "sustanzi" u "preparazzjonijiet" huma moġħtija fir-Regolament REACH (ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill [1].

Għal kull sustanza mdaħħla li tkun qed tintuża mill-applikant għandha tingħata l-formulazzjoni eżatta tal-prodott lill-korp kompetenti. Kwalunkwe sustanza, inkluż l-impuritajiet, li jkun hemm f'konċentrazzjonijiet ogħla minn 0,01 % (m/m) għandhom jiġu rrappurtati, sakemm ma tkunx speċifikata konċentrazzjoni iktar baxxa x'imkien ieħor fil-kriterji.

B. **IL-KRITERJI EKOLOĠIĊI**

Il-kriterji kollha għandhom japplikaw għaż-żebgħa u l-verniċ fil-pakkett tagħhom, ħlief għall-kriterju nru 3 li għandu x'jaqsam mal-limiti tal-VOC. F'konformità mad-Direttiva 2004/42/KE [2] al-Parlament Ewropew u l-Kunsill, il-limiti tal-VOC għandhom x'jaqsmu mal-prodott li jkun lest għall-użu u b'hekk il-kontenut massimu tal-VOC għandu jiġi kkalkulat abbażi ta' kwalunkwe żieda rrakkomandata bħas-sustanzi li jagħtu l-kulur u/jew li jrattbu ż-żebgħa. Għal dan il-kalkolu, se tkun meħtieġa d-dejta li tingħata mill-fornituri tal-materja prima f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontenut tas-solidi, il-kontenut tal-VOC u d-densità tal-prodott.

[1] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.
[2] ĠU L 143, 30.4.2004, p. 87.

Il-kriterji nru 1 u 2 japplikaw biss għaż-żebgħa bajda u għaż-żebgħa ta' kulur ċar (inkluż iż-żebgħa tal-aħħar passata, iż-żebgħa tal-ewwel passata, iż-żebgħa ta' taħt, u/jew iż-żebgħa intermedjarja).

Għas-sistemi li jagħtu l-lewn, il-kriterji nru 1 u 2 japplikaw biss għall-bażi l-bajda (il-bażi li jkun fiha l-akbar ammont ta' TiO2). F'każijiet fejn il-bażi l-bajda ma tkunx tista' tilħaq ir-rekwiżit ta' talanqas 6 m^2 għal kull litru f'qawwa opaċizzanti ta' 98 % skont il-kriterju nru 7(a), il-kriterji se jkunu ntlaħqu wara li jingħata lewn ħafif sabiex jiġi prodott il-kulur standard RAL 9010.

Il-kriterji nru 1 u 2 ma japplikawx għall-kisi trasparenti.

1. **Il-pigmenti l-bojod**

Il-kontenut tal-pigment l-abjad (il-pigmenti l-bojod inorganiċi li jkollhom indiċi rifrattiv ogħla minn 1,8): Iż-żebgħa għandu jkollha kontenut ta' pigment abjad daqs jew inqas minn 38 gm. għal kull m^2 ta' saff niexef, b'opaċità ta' 98 %. Dan ir-rekwiżit ma japplikax għall-vernic u għal-likwidi li jlewnu lill-injam.

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jew jipprovdi dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' użu jewinkella jagħti l-kontenut tal-pigmenti l-bojod u r-rata li biha dawn jixterdu, flimkien ma' kalkolu ddettaljat li juri li hemm konformità ma' dan il-kriterju.

2. **Id-diossidu tat-titanju**

Id-diossidu tat-titanju: L-emissjonijiet u r-rimi tal-iskart mill-produzzjoni ta' kwalunkwe pigment tad-diossidu tat-titanju li jkun intuża m'għandux jaqbeż il-livelli li ġejjin (kif meħudin mid-Dokument ta' Referenza dwar l-Aqwa Teknoloġija Disponibbli għall-Manifattura ta' Volumi Kbar ta' Kimiċi Inorganiċi (BREF) (Awwissu 2007)):

— l-emissjonijiet tal-SOx (espressi bħala SO2): 266 mg. għal kull m^2 ta' saff niexef (opaċità ta' 98 %),

— l-iskart tas-sulfat: 19-il°gm għal kull m^2 ta' saff niexef (opaċità ta' 98 %),

— l-iskart tal-klorur: 3,9, 6,8 u 12,5 gm għal kull m^2 ta' saff niexef (opaċità ta' 98 %) rispettivament għar-rutil naturali, għar-rutil sintetiku u għall-fdalijiet tal-metalli mhux maħdumin.

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jew jipprovdi dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' użu jewinkella jagħti dokumentazzjoni ta' evidenza li turi l-livelli rispettivi tal-emissjonijiet u tar-rimi tal-iskart għal dawn il-parametri, il-kontenut tad-diossidu tat-titanju tal-prodott, ir-rata li biha dan jixtered, flimkien ma' kalkoli ddettaljati li juru li hemm konformità ma' dan il-kriterju.

3. **Il-komposti organiċi volatili (il-VOC)**

Il-kontenut tal-**komposti organiċi volatili (il-VOC)** ma għandux jaqbeż il-livelli li ġejjin:

Il-Klassifika tal-Prodott (Id-Direttiva 2004/42/KE)	Il-limiti tal-VOC (gm/l inkluż l-ilma)
Il-kisi għall-ħitan ta' barra ta' wiċċ li jrid jinżebagħ li jkun minerali	40
Iż-żebgħa għat-tirqim ta' barra u għall-kisi minn barra għall-injam u l-metall inkluż iż-żebgħa ta' taħt	90
Il-vernic u l-likwidi li jlewnu lill-injam għat-tirqim ta' barra, inklużi l-likwidi li jlewnu lill-injam opaki	90
Il-likwidi li jlewnu lill-injam ta' barra b'binja minima	75
Iż-żebgħa tal-ewwel passata (għall-użu fuq barra)	15
Iż-żebgħa tal-ewwel passata li tgħaqqad (għall-użu fuq barra)	15
Il-kisi ta' rendiment li jkun fih pakkett wieħed	100
Il-kisi ta' rendiment reattiv li jkun fih żewġ pakketti u jkun għal użu aħħari speċifiku eż. għall-art	100

F'dan il-kuntest il-komposti organiċi volatili (il-VOC) ifissru kwalunkwe kompost organiku li jkollu temperatura tat-togħlija inizjali ta' 250 °C jew inqas, imkejla fi pressjoni standard ta' 101,3kPa kif iddefinita fid-Direttiva 2004/42/KE. Is-subkategoriji għaż-żebgħa u l-vernic mogħtija fid-Direttiva huma użati sabiex jiġu ddefiniti l-limiti tal-VOC. Dawk il-kategoriji li huma relevanti ghall-kisi ta' barra biss huma murija hawnhekk.

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant ghandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju. L-applikant ghandu jindika l-kontenut tal-VOC ghall-prodotti kollha.

4. **L-idrokarboni aromatiċi volatili (VAH)**

L-idrokarboni aromatiċi volatili (VAH) ma ghandhomx jiżdiedu b'mod dirett mal-prodott qabel jew waqt li jkun qed jingħata lewn ħafif (fejn huwa applikabbli); madanakollu, l-ingredjenti li jinkludu l-VAH jistgħu jiżdiedu sa ammont li permezz tiegħu l-kontenut tal-VAH fil-prodott aħħari ma jaqbiżx iż-0,1 % (m/m).

F'dan il-kuntest, l-idrokarboni aromatiċi volatili (VAH) ifissru kwalunkwe kompost organiku, kif iddefinit fid-Direttiva 2004/42/KE, li jkollu temperatura tat-togħlija inizjali ta' 250 °C jew inqas, imkejla fi pressjoni standard ta' 101,3kPa, u li jkollu talanqas nukleu wieħed aromatiku fil-formula strutturali żviluppata tiegħu.

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant ghandu jipprovdi dikjarazzjoni dwar il-konformità ma' dan il-kriterju, li fiha jiddikjara li ma żdidux VAH ħlief fl-ingredjenti li kienu mmanifatturati minn qabel u, fejn applikabli, ghandu jipprovdi dikjarazzjoni mill-forniturі tal-ingredjent li fiha jkun ikkonfermat il-kontenut tal-VAH tiegħu.

5. **Il-metalli tqal**

Il-metalli tqal li ġejjin jew il-komposti tagħhom ma ghandhomx jintużaw bħala ingredjenti fil-prodott jew fil-lewn ħafif (kif inhu applikabbli) (kemm bħala sustanza kif ukoll bħala parti minn kwalunkwe preparazzjoni użata): il-kadmju, iċ-ċomb, il-kromju VI, il-merkurju, l-arseniku, il-barju (ħlief is-sulfat tal-barju), is-silenju, l-antimonju.

Il-kobalt ukoll ma ghandux jiżdied bħala ingredjent ħlief ghall-imluħ tal-kobalt li jkunu użati bħala sustanza ghat-tnixxif fiż-żebgħa alkidika. Dawn jistgħu jintużaw sa konċentrazzjoni li ma taqbiżx iż-0,05 % (m/m) fil-prodott aħħari, imkejla bħala metall tal-kobalt. Il-kobalt fil-pigmenti huwa wkoll eżenti minn dan ir-rekwiżit.

Huwa aċċettat li dawn l-ingredjenti jista' jkollhom traċċi ta' dawn il-metalli sa 0,01 % (m/m) li jiġu mill-impuritajiet fil-materja prima.

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant ghandu jipprovdi dikjarazzjoni dwar il-konformità ma' dan il-kriterju, kif ukoll dikjarazzjonijiet mill-forniturі tal-ingredjenti (fejn applikabbli).

6. **Is-sustanzi perikolużi**

(a) **Il-prodott:** Il-prodott ma ghandux ikun ikklassifikat bħala tossiku ħafna, tossiku, perikoluż ghall-ambjent, karċinoġeniku, tossiku ghar-riproduzzjoni, ta' ħsara, korrużiv, mutaġeniku jew bħala irritant (fejn dan hu minħabba l-preżenza ta' ingredjenti mmarkati R43 biss) f'konformità mad-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), qabel jew wara li jingħata lewn ħafif (fejn applikabbli).

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant ghandu jipprovdi dikjarazzjoni dwar il-konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' formola bid-dejta dwar is-sikurezza tal-materjali tal-prodott li tkun tissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II tar-Regolament REACH.

(b) **L-ingredjenti (tossiċi ħafna, tossiċi, karċinoġeniċi, mutaġeniċi, tossiċi ghar-riproduzzjoni)**: Ma jista' jintuża l-ebda ingredjent, inkluż dawk użati meta jingħata lewn ħafif (jekk ikun applikabbli) li waqt li jkun qed jiġi applikat ikun ingħatalu jew jista' jkun ingħatalu kwalunkwe waħda mill-frażijiet ta' riskju (jew kombinazzjonijiet tagħhom) li ġejjin:

— R23 (tossiku jekk ikun hemm inalazzjoni)

([3]) ĠU L 200, 30.7.1999, p.1.

— R24 (tossiku jekk ikun hemm kuntatt mal-ġilda)

— R25 (tossiku jekk jinbela')

— R26 (tossiku ħafna jekk ikun hemm inalazzjoni)

— R27 (tossiku ħafna jekk ikun hemm kuntatt mal-ġilda)

— R28 (tossiku ħafna jekk jinbela')

— R33 (periklu ta' effetti kumulattivi)

— R39 (periklu ta' effetti serji ħafna li huma irriversibbli)

— R40 (evidenza limitata ta' effett karċinoġeniku)

— R42 (jista' jikkawża sensibilizzazzjoni jekk ikun hemm inalazzjoni)

— R45 (jista' jikkawża l-kanċer)

— R46 (jista' jikkawża ħsara ġenetika li tintiret)

— R48 (periklu ta' ħsara serja għas-saħħa jekk ikun hemm esponiment fit-tul)

— R49 (jista' jikkawża l-kanċer jekk ikun hemm inalazzjoni)

— R60 (jista' jnaqqas il-fertilità)

— R61 (jista' jikkawża ħsara lit-tarbija mhux imwielda)

— R62 (riskju possibbli li tonqos il-fertilità)

— R63 (riskju possibbli ta' ħsara lit-tarbija mhux imwielda)

— R68 (riskju possibbli ta' effetti li huma irriversibbli)

kif inhu stabbilit fid-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE [4], u l-emendi sussegwenti tagħha. Madanakollu, l-ingredjenti attivi użati bħala preżervattivi fil-formula u li huma mogħtija kwalunkwe waħda mill-frażijiet ta' riskju R23, R24, R25, R26, R27, R28, R39, R40 jew R48 (jew kombinazzjonijiet tagħhom) jistgħu jintużaw sa limitu ta' 0,1 % (m/m) tal-formulazzjoni totali taż-żebgħa.

[4] ĠU L 196, 16.8.1967, p. 1.

B'mod alternattiv, tista' titqies is-Sistema Globali Armonizzata ta' klassifika (GHS) ([5]). F'dan il-każ ma għandhomx jintużaw l-ingredjenti, inkluż dawk użati meta jingħata lewn ħafif (jekk ikun applikabbli) li jkunu kklassifikati bil-mod li ġej (jew kombinazzjonijiet tagħhom):

— Tossiċità Akuta (orali) – Il-Kategorija Nru I, II, III

— Tossiċità Akuta (għall-ġilda) – Il-Kategorija Nru I, II, III

— Tossiċità Akuta (inalazzjoni) – Il-Kategorija Nru I, II, III

— Sensibilizzazzjoni Respiratorja – Il-Kategorija Nru I

— Sustanzi Mutaġeniċi – Il-Kategorija Nru I, II

— Sustanzi Karċinoġeniċi - Il-Kategorija Nru I, II

— Sustanzi Tossiċi għar-Riproduzzjoni – Il-Kategorija Nru I, II

— Tossiċità Sistemika li Tolqot Organu Speċifiku (esponiment ta' darba) - Il-Kategorija Nru I, II

— Tossiċità Sistemika li Tolqot Organu Speċifiku (esponiment ripetut) - Il-Kategorija Nru I, II

kif inhu stabbilit fl-ST/SG/AC.10/30 ([6]) u rivedut fl-ST/SG/AC.10/34/Add.3 dwar is-Sistema Globali Armonizzata dwar il-Klassifika u l-Ittikkettjar tal-Kimiki. Madanakollu, ingredjenti attivi li jintużaw bħala preżervattivi fil-formula u li tingħatalhom kwalunkwe waħda mill-kategoriji tal-GHS li ġejjin, jistgħu jintużaw sa limitu ta' 0,1 % (m/m) tal-formulazzjoni totali taż-żebgħa:

— Tossiċità Akuta (orali, għall-ġilda, inalazzjoni) – I, II, III (orali u għall-ġilda biss);

— Tossiċità Sistemika li Tolqot Organu Speċifiku (esponiment ta' darba u/jew ripetut) - I, II (jew kombinazzjonijiet tagħhom) u;

— Karċinoġeniċità tal-Kategorija Nru II.

Il-Metil Etil Ketoksim jista' jintuża fiż-żebgħa alkidika sa limitu ta' 0,3 % (m/m).

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni dwar il-konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' formola bid-dejta dwar is-sikurezza tal-materjali tal-prodott li tkun tissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II tar-Regolament REACH.

(c) **L-ingredjenti (perikolużi għall-ambjent):** L-ebda ingredjent, inkluż dawk użati meta jingħata lewn ħafif (jekk ikun applikabbli) li waqt li jkun qed jiġi applikat ikun ingħatalu jew jista' jkun ingħatalu kwalunkwe waħda mill-frażijiet ta' riskju li ġejjin, ma jista' jaqbeż it-2 % (m/m).

— N R50 (tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi),

([5]) Fis-27 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-"Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettjar u l-ippakkjar tas-sustanzi u t-taħlitiet, u li jemenda d-Direttiva 67/548/KEE u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006" (COM(2007) 355 finali). Għal aktar tagħrif dwar kif is-sistema eżistenti u l-GHS jikkoinċidu f'ċerti partijiet irreferi għall-Anness VII fil-Volum III tal-proposta li ġiet adottata: http://ec.europa.eu/enterprise/reach/docs/ghs/ghs_prop_vol_iii_en.pdf

([6]) Il-Kumitat ta' Esperti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Trasport ta' Prodotti Perikolużi u dwar is-Sistema Globali Armonizzata dwar il-Klassifika u l-Ittikkettjar tal-Kimiki: http://www.unece.org/trans/main/dgdb/dgcomm/ac10rep.html

— (tossiku ħafna għall-organiżmi akkwatiċi, jista' jikkawża effetti negattivi fit-tul fl-ambjent akkwatiku),

— (tossiku għall-organiżmi akkwatiċi, jista' jikkawża effetti negattivi fit-tul fl-ambjent akkwatiku),

— (ta' ħsara għall-organiżmi akkwatiċi, jista' jikkawża effetti negattivi fit-tul fl-ambjent akkwatiku),

— R51 (tossiku għall-organiżmi akkwatiċi),

— R52 (ta' ħsara għall-organiżmi akkwatiċi),

— R53 (jista' jikkawża effetti negattivi fit-tul fl-ambjent akkwatiku),

kif inhu stabbilit fid-Direttiva 67/548/KEE jew fid-Direttiva 1999/45/KE,

B'mod alternattiv, tista' titqies is-Sistema Globali Armonizzata dwar il-klassifika (GHS) ([7]). F'dan il-każ l-ebda ingredjent, inkluż dawk użati meta jingħata lewn ħafif (jekk ikun applikabbli), li waqt li jkun qed jiġi applikat ikun ingħata jew jista' jingħata kwalunkwe waħda mill-kategoriji li ġejjin, ma jista' jaqbeż it-2 % (m/m):

Il-kategoriji tat-Tossiċità Akkwatika (u l-kombinazzjonijiet tagħhom):

— Akuta Nru I, II, III

— Kronika Nru I, II, III, IV

kif inhu stabbilit fl-ST/SG/AC.10/30 u rivedut fl-ST/SG/AC.10/34/Add.3 dwar is-Sistema Globali Armonizzata dwar il-Klassifika u l-Ittikkettjar tal-Kimiki.

F'kull każ, is-somma totali tal-ingredjenti kollha li, waqt li jkunu qed jiġu applikati, jkunu ngħataw jew jistgħu jingħataw kwalunkwe waħda minn dawn il-frażijiet ta' riskju (jew kombinazzjonijiet tagħhom) jew kwalunkwe waħda minn dawn il-klassifiki tal-GHS, m'għandhiex taqbeż l-4 % (m/m).

Dan ir-rekwiżit ma japplikax għall-ammonja jew għall-alkil tal-ammonja.

Dan ir-rekwiżit ma jaffettwax l-obbligu li jiġi ssodisfat ir-rekwiżit imniżżel fil-kriterju 6(a) t'hawn fuq.

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni dwar il-konformità ma' dan il-kriterju, flimkien ma' formoli bid-dejta dwar il-lista tal-ingredjenti u dwar is-sikurezza tal-materjali ta' kull ingredjent, li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Anness II tar-Regolament REACH.

(d) **L-alkilfenoletoksilati** (APEOs): L-APEOs ma għandhomx jintużaw fil-prodott qabel jew waqt li jkun qed jingħata lewn ħafif (jekk ikun applikabbli).

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni dwar il-konformità ma' dan il-kriterju.

([7]) Ara nota 5 ta' qiegħ il-paġna.

(e) **Il-komposti tal-iżotijażolinon**: Il-kontenut tal-komposti tal-iżotijażolinon fil-prodott ma għandhomx jaqbżu ż-0,05 % (m/m) qabel jew wara li jingħata lewn ħafif (jekk ikun applikabbli). Għall-kisi għall-injam, il-komposti tal-iżotijażolinon ma għandhomx jaqbżu ż-0,2 % (m/m). Bl-istess mod, il-kontenut tat-taħlita ta' 5-kloro-2-metil-2H-iżotijażol-3-on (KE Nru 247-500-7) u 2-metil-2H-iżotijażol-3-on (KE Nru 220-239-6) (3:1) ma għandux jaqbeż iż-0,0015 % (m/m).

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni ta' konformità ma' dan il-kriterju, li jindika l-ammonti (jekk ikunu ntużaw).

(f) Is-sulfonati tal-alkil perfluworinati (PFAS), l-aċidi karboksiliċi perfluworinati (PFCA), inkluż l-Aċidu Perfluworooktanojku (PFOA) u s-sustanzi relatati li huma elenkati fil-listi tal-OECD msejħin "Il-listi preliminari tal-PFOS, PFAS, PFOA, PFCA, il-komposti relatati u l-kimiki li jistgħu jiddegradaw f'PFCA (kif riveduti fl-2007)" mhumiex permessi fil-prodott. Il-lista tal-OECD qed tingħata fl-Anness ta' dan id-dokument dwar il-kriterji.

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni dwar il-konformità ma' dan il-kriterju.

(g) **Il-formaldeide**: Ma għandhomx jiżdiedu formaldeidi liberi. Donaturi tal-formaldeide jistgħu jiżdiedu biss f'tali kwantitajiet li jiżguraw li l-kontenut aħħari tal-formaldeidi liberi li jirriżultaw wara li jingħata lewn ħafif (jekk ikun applikabbli) ma jaqbiżx iż-0,001 % (m/m).

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni dwar il-konformità ma' dan il-kriterju. Barra minn hekk, l-applikant għandu jipprovdi r-riżultati ta' testijiet mogħtija mill-fornituri tal-materja prima li jkunu wżaw il-metodu ta' ttestjar VdL-RL 03 (il-Linja ta' gwida nru 3 tal-VdL) "Il-konċentrazzjoni tal-formaldeide fil-bott iddeterminata permezz tal-metodu tal-aċetil-aċeton" kif ukoll il-kalkoli li jorbtu d-dejta minn dawn it-testijiet mal-prodott aħħari sabiex juru li l-konċentrazzjoni aħħarija massima possibbli tal-formaldeide rrilaxxat minn sustanzi li jirrilaxxaw il-formaldeide mhix ogħla minn 0 001 % (m/m). B'mod alternattiv, il-formaldeide li ġej mid-donaturi tal-formaldeide jista' jitkejjel fil-prodott aħħari bbażat fuq il-kromatografija f'fażi likwida, b'rendiment għoli, bl-użu ta' metodu nazzjonali standard jew metodu vvalidat kif deskritt fl-ISO/IEC 17025.

(h) **Is-Solventi Organiċi Aloġenati**: Minkejja l-kriterji nri 6a, 6b u 6c, qabel jew waqt li jkun qed jingħata lewn ħafif (fejn huwa applikabbli), fil-prodott jistgħu jintużaw biss il-komposti aloġenati li waqt li jkunu qed jiġu applikati, jkunu ġew ivvalutati għar-riskju u ma jkunux ġew ikklassifikati bil-frażijiet ta' riskju (jew kombinazzjonijiet tagħhom): R26/27, R45, R48/20/22, R50, R51, R52, R53, R50/53, R51/53, R52/53 u R59 f'konformità mad-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE.

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni dwar il-konformità ma' dan il-kriterju.

(i) **Il-ftalati**: Minkejja l-kriterji nri 6a, 6b u 6c, qabel jew waqt li jkun qed jingħata lewn ħafif (fejn huwa applikabbli), fil-prodott jistgħu jintużaw biss il-ftalati li waqt li jkunu qed jiġu applikati, jkunu ġew ivvalutati għar-riskju u ma jkunux ġew ikklassifikati bil-frażijiet ta' riskju (jew kombinazzjonijiet tagħhom): R60, R61, R62, R50, R51, R52, R53, R50/53, R51/53, u R52/53, f'konformità mad-Direttiva 67/548/KEE u l-emendi tagħha. Barra minn hekk, id-DNOP (ftalat tad-di-n-oktil), id-DINP (ftalat tad-di-iżononil), u d-DIDP (ftalat tad-di-iżodekil) mhumiex permessi fil-prodott.

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jipprovdi dikjarazzjoni dwar il-konformità ma' dan il-kriterju.

7. **Kemm hu tajjeb għall-użu**

(a) **Ir-rata ta' tixrid:** Iż-żebgħa l-bajda u ż-żebgħa ta' kulur ċar (inkluż iż-żebgħa tal-aħħar passata, iż-żebgħa tal-ewwel passata, iż-żebgħa ta' taħt, u/jew iż-żebgħa intermedjarja) għandu jkollhom rata ta' tixrid (f'qawwa opaċizzanti ta' 98 %) ta' mill-inqas 6 m^2 għal kull litru tal-prodott.

Għas-sistemi li jagħtu l-lewn, dan il-kriterju japplika biss għall-bażi l-bajda (il-bażi li jkun fiha l-akbar ammont ta' TiO2). F'każ li l-bażi l-bajda ma tkunx tista' tilħaq ir-rekwiżit ta' mill-inqas 6 m^2 għal kull litru f'qawwa opaċizzanti ta' 98 %, il-kriterju se jkun intlaħaq wara li jingħata lewn ħafif lill-bażi l-bajda sabiex jiġi prodott il-kulur standard RAL 9010. Dan il-kriterju m'għandux japplika għall-bażijiet l-oħrajn kollha użati fil-manifattura ta' prodotti li jkunu ngħataw lewn ħafif – dawn huma bażijiet li b'mod ġenerali jkun fihom inqas TiO_2, u li ma jkunux jistgħu jilħqu r-rekwiżit ta' mill-inqas 6 m^2 għal kull litru tal-prodott f'qawwa opaċizzanti ta' 98 %. Għaż-żebgħa li tkun parti minn sistema li tagħti l-lewn, l-applikant għandu javża lill-utent aħħari fuq il-pakkett tal-prodott u/jew fuq il-POS dwar liema kulur jew liema żebgħa tal-ewwel passata/żebgħa ta' taħt (jekk possibbli li tkun ingħatat l-Ekotikketta Ewropea) għandu jintuża bħala l-kisi tal-bażi qabel ma jiġi applikat il-kulur iktar skur.

Iż-żebgħa tal-ewwel passata li jkollha karatteristiċi speċifiċi sabiex tibblokka/tissiġilla u tippenetra/tgħaqqad u ż-żebgħa tal-ewwel passata li jkollha karatteristiċi speċjali ta' adeżjoni mal-uċuħ tal-aluminju u l-uċuħ iggalvanizzati għandu jkollha rata ta' tixrid (f'qawwa opaċizzanti ta' 98 %) ta' mill-inqas 6 m^2 għal kull litru tal-prodott.

Iż-żebgħa elastomerika għandu jkollha rata ta' tixrid (f'qawwa opaċizzanti ta' 98 %) ta' mill-inqas 4 m^2 għal kull litru tal-prodott.

Dan ir-rekwiżit ma japplikax għall-verniċ, għal-likwidi li jlewnu lill-injam, għall-kisi tal-art, għaż-żebgħa tal-art, għaż-żebgħa ta' taħt, għaż-żebgħa l-oħra ta' adeżjoni tal-ewwel passata, jew għal kwalunkwe kisi trasparenti ieħor.

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jipprovdi rapport tat-test magħmul bil-metodu ISO 6504/1 (Iż-żebgħa u l-verniċ – id-determinazzjoni tal-qawwa opaċizzanti – Il-Parti nru 1: il-metodu Kubelka-Munk għaż-żebgħa l-bajda u ż-żebgħa ta' kulur ċar) jew 6504/3 (Il-Parti nru 3: id-determinazzjoni tal-proporzjon tal-kuntrast (l-opaċità) għaż-żebgħa ta' kulur ċar f'rata fissa ta' tixrid), jew bil-metodu NF T 30 073 (jew ekwivalenti) (għal żebgħa ddiżinjata speċjalment sabiex toħloq effett dekorattiv tridimensjonali u kkaratterizzata minn kisja magħquda ħafna). Għall-bażijiet użati fil-manifattura ta' prodotti li jkunu ngħataw lewn ħafif li ma jkunux evalwati skont ir-rekwiżiti msemmijin hawn fuq, l-applikant għandu juri evidenza li l-utent aħħari ġie avżat biex juża żebgħa tal-ewwel passata u/jew żebgħa ta' taħt griża (jew ta' kulur ieħor rilevanti) qabel ma juża l-prodott.

(b) **Ir-reżistenza għall-ilma**: Il-verniċ, il-kisi u ż-żebgħa tal-art għandu jkollhom reżistenza għall-ilma, kif iddeterminat bl-ISO 2812-3, hekk li wara li jkunu esposti għalih għal 24 siegħa u jkollhom 16-il siegħa biex jinxfu, ma jkollhom l-ebda tibdil fil-lostru jew fil-kulur.

*Il-valutazzjoni u l-verifika:*L-applikant għandu jipprovdi rapport tat-test magħmul bil-metodu ISO 2812-3 (Iż-żebgħa u l-verniċ – id-determinazzjoni tar-reżistenza għal-likwidi – Il-Parti nru 3: Metodu li juża midjum assorbenti).

(c) **L-adeżjoni**: Iż-żebgħa tal-bini (ħlief għaż-żebgħa trasparenti tal-ewwel passata) għandha tgħaddi mit-test tal-qligħ ("pull-off") EN 24624 (ISO 4624) għall-adeżjoni, u l-kisi tal-art, iż-żebgħa tal-art u ż-żebgħa ta' taħt għall-konkos, il-kisi għall-injam u għall-metall għandhom iġibu marka ta' mill-inqas 2 fil-metodu tal-qatgħa djagonali EN 2409 għall-adeżjoni. Huwa u jitwettaq it-test EN 24624, f'każ fejn is-saħħa tal-koeżjoni tal-wiċċ li jrid jinżebagħ tkun inqas mis-saħħa ta' adeżjoni taż-żebgħa, allura l-prodott jitqies li għadda mit-test, mill-bqija l-adeżjoni taż-żebgħa trid tkun ogħla mill-valur ta' 1.5MPa li fih prodott ikun ghadda mit-test.

L-applikant għandu jevalwa ż-żebgħa tal-ewwel passata u/jew iż-żebgħa tal-aħħar passata waħedhom jew it-tnejn li huma bħala parti minn sistema (meta tiġi ttestjata s-sistema għandha tkun tirrigwarda prodotti li jekk possibbli jkunu ngħataw l-Ekotikketta Ewropea (ħlief għas-sistemi ddiżinjati għall-uċuħ tal-metall). Meta ż-żebgħa tal-aħħar passata tkun qed tiġi ttestjata waħedha din se titqies l-agħar każ possibbli f'dak li għandu x'jaqsam mal-adeżjoni.

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jipprovdi rapport tat-test magħmul bil-metodu EN ISO 2409 jew EN 24624 (ISO 4624), kif applikabbli.

(d) **Il-brix**: Il-kisi u ż-żebgħa tal-art għandu jkollhom reżistenza għall-brix li ma taqbiżx is-70 mg ta' telf tal-piż wara 1 000 ċiklu ta' ttestjar b'piż ta' 1 000 gm u rota tas-CS10 skont l-EN ISO 7784-2:2006.

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jipprovdi rapport tat-test magħmul bil-metodu EN ISO 7784-2:2006 li juri l-konformità ma' dan il-kriterju.

(e) **L-effetti tat-temp**: Iż-żebgħa tal-aħħar passata għall-bini u ż-żebgħa tal-aħħar passata għall-injam u għall-metall, inkluż il-verniċ, għandhom ikunu esposti għall-effetti tat-temp artifiċjali f'apparat li jinkludi lampi fluworexxenti tal-UV u sprej tal-kondensazzjoni jew tal-ilma skont 11507:2007. Iż-żebgħa tal-bini għandha tkun esposta għall-kundizzjonijiet ta' ttestjar għal 1 000 siegħa, waqt li ż-żebgħa tal-aħħar passata għall-injam u għall-metall (inkluż il-verniċ) għandha tkun esposta għall-kundizzjonijiet ta' ttestjar għal 500 siegħa. Il-kundizzjonijiet ta' ttestjar huma: UVA 4 sigħat/60 °C + umdità 4 sigħat/50 °C.

B'mod alternattiv, iż-żebgħa tal-aħħar passata u l-verniċ għall-injam jistgħu jkunu esposti għall-effetti tat-temp għal 500 siegħa fl-apparat tal-effetti aċċellerati tat-temp QUV b'esponiment ċikliku bir-radjazzjoni tal-UV(A) u bit-tifrix tal-isprej skont EN 927-6.

It-tibdil fil-kulur tal-kampjuni li jkunu esposti għall-effetti tat-temp ma għandux ikun ta' iktar minn $\Delta E^*=4$ u t-tnaqqis fil-lostru tal-verniċ ma għandux ikun ta' iktar minn 30 % tal-valur inizjali tiegħu. Il-lostru għandu jitkejjel billi jintuża l-ISO 2813. Il-kriterju għat-tibdil fil-kulur ma japplikax għall-bażijiet u l-verniċ trasparenti.

Għall-kisi tal-aħħar passata tal-bini u għaż-żebgħa tal-aħħar passata għall-injam u għall-metall (fejn ikun applikabbli), it-tfarfir tal-kulur għandu jkun ittestjat bil-metodu EN ISO 4628-6:2007 wara li l-kampjuni jkunu ġew esposti għall-effetti tat-temp. Il-kisi għandu jġib marka ta' 1,5 jew marka aħjar (0,5 jew 1,0) f'dan it-test. Fl-istandard hemm referenzi illustrati.

Il-parametri li ġejjin ukoll għandhom ikunu evalwati għall-kisi tal-aħħar passata tal-bini u għaż-żebgħa tal-aħħar passata għall-injam u għall-metall wara li l-kampjuni jkunu ġew esposti għall-effetti tat-temp.

— It-twaqqigħ ta' frak taż-żebgħa skont l-ISO 4628-5:2003; densità tal-farka ta' 2 jew inqas, daqs tal-farka ta' 2 jew inqas

— It-tixqiq taż-żebgħa skont l-ISO 4628-4:2003; ammont tat-tixqiq ta' 2 jew inqas, daqs tat-tixqiqa ta' 3 jew inqas

— It-tligħ ta' bżieżaq fiż-żebgħa skont l-ISO 4628-2:2003; densità tat-tligħ ta' 3 jew inqas, daqs tal-biċċa l-imtella' ta' 3 jew inqas

Minħabba l-għadd kbir ta' kuluri possibbli għal ilwien ħfief, dawn it-testijiet se jkunu llimitati għaż-żebgħa ta' bażi użata.

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jipprovdi rapporti tat-test magħmul jew bl-użu tal-ISO11507:2007 skont il-parametri speċifikati, jew bl-użu tal-EN 927-6, jew tat-tnejn (jekk ikunu relevanti). Barra minn hekk, l-applikant għandu jipprovdi rapporti tat-test magħmul bl-użu tal-EN ISO 4628-2, 4, 5, u 6 fejn applikabbli. L-applikant għandu wkoll jipprovdi dikjarazzjoni li (fejn applikabbli) it-tibdil fil-kulur tal-kisi jaqa' fi ħdan il-parametru stabbilit f'dan id-dokument.

(f) **Il-permeabbiltà tal-fwar tal-ilma**: Fejn ikun qed jingħad li ż-żebgħa ta' barra għall-bini u għal fuq il-konkos tħalli l-arja tgħaddi minnha, iż-żebgħa għandha tiġi kklassifikata fil-Klassi Nru II (permeabbiltà medja tal-fwar) jew fi klassi aħjar skont il-metodu ta' ttestjar EN ISO 7783-2. Minħabba l-għadd kbir ta' kuluri potenzjali għal ilwien ħfief, dan il-kriterju se jkun illimitat għall-ittestjar taż-żebgħa ta' bażi użata; dan ir-rekwiżit ma japplikax għaż-żebgħa trasparenti tal-ewwel passata.

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jipprovdi rapport tat-test magħmul bil-metodoloġija tal-EN ISO 7783-2.

(g) **Il-permeabbiltà tal-ilma f'forma likwida**: Fejn ikun qed jingħad li ż-żebgħa ta' barra għall-bini u għal fuq il-konkos ma tħallix l-ilma jidħol jew li hi elastomerika, il-kisi għandu jiġi kklassifikat fil-Klassi Nru III (permeabbiltà baxxa tal-likwidu) skont il-metodu msejjaħ id-DIN EN 1062-3:1999. Minħabba l-għadd kbir ta' kuluri potenzjali għal ilwien ħfief, dan il-kriterju se jkun illimitat għall-ittestjar taż-żebgħa ta' bażi użata. Iż-żebgħa tal-bini l-oħra kollha se tkun ikklassifikata fil-Klassi Nru II (permeabbiltà medja tal-likwidu) jew fi klassi aħjar skont il-metodu ta' ttestjar DIN EN 1062-3:1999.

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jipprovdi rapport tat-test magħmul bil-metodoloġija tad-DIN EN 1062-3:1999.

(h) **Ir-reżistenza fungali:** Fejn ikun qed jingħad li l-kisi tal-aħħar passata tal-bini għandu karatteristiċi ta' kontra l-fungi, il-kisi għandu jkollu marka ta' 2 jew marka aħjar (kopertura fungali ta' inqas minn 10 %), kif iddeterminat bil-metodu msejjaħ il-BS 3900:G6. Minħabba l-għadd kbir ta' kuluri possibbli għal ilwien ħfief, dan il-kriterju se jkun illimitat għall-ittestjar taż-żebgħa ta' bażi użata.

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jipprovdi rapport tat-test magħmul bil-metodoloġija tal-BS 3900:G6.

(i) **L-għeluq tat-tixqiq:** Fejn ikun qed jingħad li ż-żebgħa tal-bini (jew għal fuq il-konkos) għandha karatteristiċi elastomeriċi, din għandha tkun ikklassifikata tal-inqas bħala A1 fi 23 °C skont id-DIN EN 1062-7:2004. Minħabba l-għadd kbir ta' kuluri potenzjali għal ilwien ħfief, dan il-kriterju se jkun illimitat għall-ittestjar taż-żebgħa ta' bażi użata.

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jipprovdi rapport tat-test magħmul bil-metodoloġija tad-DIN EN 1062-7:2004.

(j) **Ir-reżistenza għall-alkali**: Iż-żebgħa tal-bini u ż-żebgħa tal-ewwel passata m'għandhom juru l-ebda ħsara li tidher meta l-kisi jkun immarkat għal 24 siegħa b'soluzzjoni ta' 10 % tal-NaOH skont il-metodu msejjaħ l-ISO 2812-4:2007. L-evalwazzjoni ssir wara perjodu ta' rkupru ta' 24 siegħa biex jinxfu.

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jipprovdi rapport tat-test magħmul bil-metodoloġija tal-ISO 2812-4:2007.

8. **Tagħrif għall-konsumatur**

It-tagħrif ta' hawn taħt għandu jintwera fuq il-pakkett jew ikun mehmuż mal-pakkett:

— l-użu, il-wiċċ li jrid jinżebagħ u l-kundizzjonijiet għall-użu li l-prodott ikun maħsub għalihom. Dan għandu jinkludi pariri dwar il-ħidma preparatorja eċċ., bħalma huma l-preparazzjoni korretta tal-wiċċ li jrid jinżebagħ, pariri fuq kif għandu jintuża fuq barra (fejn xieraq), jew it-temperatura;

— rakkomandazzjonijiet ta' kif għandhom jitnaddfu l-għodda u l-ġestjoni xierqa tal-iskart (sabiex jitnaqqas it-tniġġis tal-ilma). Dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu adattati għat-tip ta' prodott ikkonċernat u għall-qasam tal-applikazzjoni kkonċernat u jistgħu jinkludu stampi li jispjegaw l-użu fejn xieraq;

— rakkomandazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet ta' ħażna tal-prodott wara li jinfetaħ (sabiex jiġi llimitat l-iskart solidu), inklużi pariri fuq is-sikurezza fejn xieraq;

— għall-kisi iktar skur li għalih ma japplikax il-krietrju 7(a), għandu jingħata parir dwar l-użu taż-żebgħa tal-ewwel passata jew taż-żebgħa tal-bażi l-korretta (jekk possibbli li tkun ingħatat l-Ekotikketta Ewropea);

— test li jagħti parir li ż-żebgħa li ma tintużax teħtieġ ġestjoni speċjalizzata sabiex tintrema b'mod sikur fl-ambjent u li għaldaqstant m'għandhiex tintrema mal-iskart domestiku jew tinxtered 'il barra. Għandu jintalab parir dwar ir-rimi u l-ġbir mill-awtorità lokali,

— rakkomandazzjonijiet dwar miżuri preventivi ta' protezzjoni għal min ikun qed jiżbogħ. It-test li ġej (jew test ekwivalenti) għandu jintwera fuq il-pakkett jew ikun mehmuż mal-pakkett:

Għal aktar tagħrif dwar ir-raġuni għaliex dan il-prodott ingħata l-Fjura, jekk jogħġbok żur is-sit tal-Internet li ġej: http://ec.europa.eu/environment/ecolabel.

Il-valutazzjoni u l-verifika: Għandu jingħata kampjun tal-pakkett tal-prodott mal-applikazzjoni, flimkien ma' dikjarazzjoni korrispondenti dwar il-konformità ma' dawn il-kriterji, kif xieraq.

9. **It-tagħrif li jidher fuq l-ekotikketta**

Il-kaxxa nru 2 tal-ekotikketta għandu jkollha l-kliem li ġej:

— rendiment tajjeb għall-użu fuq barra,

— is-sustanzi perikolużi huma ristretti,

— kontenut baxx ta' solventi

Il-valutazzjoni u l-verifika: L-applikant għandu jagħti kampjun tal-pakkett tal-prodott li juri t-tikketta, flimkien ma' dikjarazzjoni dwar il-konformità ma' dan il-kriterju.